Kelmtejn mis-Surmast Direttur (2008)

# Rinaxximent

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Dan l-artiklu huwa wieħed minn sensiela ta' kitbiet li jġibu l-isem ta' 'Kelmtejn mis-Surmast Direttur'. L-għan tagħhom huwa li, jinfurmaw u/jew jedukaw lil dawk is-soċi li huma membri fi ħdan l-istess għaqda, xirka, soċjetà, assoċjazzjoni, unjoni, jew klabb mużikali, u b'mod aktar ġenerali, lil dawk li jiffrekwentaw il-każini tal-banda, jew sempliċiment għax huma dilettanti tal-festi maltin. Il-messaġġ tas-surmast direttur, flimkien ma' oħrajn miktubin minn xi membri tal-kumitat u l-kappillan tar-raħal, tkun bil-wisq mistennija fil-ktieb li joħroġ għall-festa sena wara l-oħra.

Kliem muftieħ: Festa San Ġiljan, Catholic Institute Orchestra, Orkestra Żgħażagħ Maltin, Euro Academy Youth Orchestra, University of Malta Junior College Orchestra, Mro. Angelo Pullicino, Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.

Bħala Surmast Direttur il-ġdid tal-Banda San Ġiljan, nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għall-ħidma li wettqu s-surmastrijiet li ġew qabli - Ray Cutajar, Alfred Dimech, u Angelo Pullicino, li jaf it-twaqqif tagħha fl-1927.

Jiena mwieled in-Naxxar. Bdejt nitgħallem il-klarinett ta' seba' snin. Dħalt mal-Banda Ċittadina King's Own meta kelli 12-il sena, u s-surmast ta' dak iż-żmien, Mro. Carmelo Caruana, kien jiftaħar bija ma' kulħadd li kont il-filjozz tal-banda! U l-istess bħalma għamel Dun Anton Sciberras, Naxxari bħali, jien ukoll ġejt noqgħod San Ġiljan, u ngħodd ruħi bħala Ġiljaniż. Anki lis-Surmast Anġlu Pullicino kienu jsibuh bħala Ġiljaniż ta' Birkirkara! Fl-imgħoddi mexxejt il-**Catholic Institute Orchestra** u l-**Orkestra Zgħażagħ Maltin**. Ili mmexxi l-**University Junior College Orchestra** u l-**Euro Academy Youth Orchestra** sa mill-1998 u l-2002 rispettivament. Minnu li, il-kunċert tal-ewwel ta' Ġunju 2008 huwa l-ewwel kunċert tiegħi bħala Surmast direttur ta' banda, anki jekk, kif qal tajjeb is-Sindku ta' San Ġiljan, li '… Maestro Manoel Pirotta m'għandu bżonn tal-ebda introduzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' edukazzjoni mużikali f'pajjizna, speċjalment fejn tidħol il-ħidma … li qed iwettaq mal-istudenti żgħażagħ tagħna fil-kapaċità ta' lekċerer tal-mużika fil-University Junior College.' Huwa awgurali '…aktar suċċessi fil-karriera mużikali tiegħi, u snin twal bħala s-surmast direttur fi ħdan il-Banda San Ġiljan!' L-istess għamlu l-President tal-każin tal-Banda, is-Sur Michael Farrugia, u l-Onorevoli Ministru Ġorġ Pullicino fid-diskorsi rispettivi tagħhom.

Fid-9 ta' Awissu tajna kunċert ieħor ta' mużika mid-dinja taċ-ċinema u kanzunetti popolari, bis-sehem tat-tenur Aldo Busuttil u l-kantanta Romina Mamo. Il-kunċert tat-30 ta' Awissu qedin nagħtuh ton aktar klassiku għax fih ser ikun hemm selezzjonijiet minn opri, u arji oħra, bis-sehem tat-tenur magħruf Brian Cefai u l-kor ta' San Ġiljan, kif ukoll 'divertimento' għall-klarinett solo u banda li ser jindaqq mis-solista tal-banda stess, il-klarinettist Michael Pirotta. Hawnhekk, ta' min jgħid li, l-arkivju qed jara żieda qawwija ta' xogħlijiet ġodda ta' kull tip ta' mużika.

Dalwqt ser tinfetaħ kamra ġdida tal-mużika bħala s-sede tal-akkademja tal-mużika illi twaqqfet uffiċjalment fil-ħarifa tas-sena 2001. Nagħmel appell lill-ġenituri Ġiljaniżi kollha biex jibgħatu aktar ulied sa minn età żgħira ħalli jitgħallmu l-banda. Diġà qedin naraw żieda sinifikanti ta' alljevi ġodda mimlijin ħeġġa għat-tagħlim tal-mużika. Ejjew u taraw b'liema mod l-alljevi ż-żgħar tagħna ħejjew il-

proġett tagħhom għall-gara ċkejkna li nedejnielhom! L-akkademja diġà kienet tat bidu għal sensiela ta' serati mużikali, tant li matul sena waħda kienu ttellgħu sitt serati. U ser jissokktaw b'kunċert għall-pjanu, u ieħor bis-sehem tal-*piccola banda* fix-xahar tal-Milied. Għas-sena d-dieħla hemm maħsubin proġetti bil-wisq aktar ambizzjużi… imma għalissa daqshekk u nħallikom bi ftit tal-kurżita'!

Inrodd ħajr lill-President Michael Farrugia, lis-segretarju Alfred Gauci, li nsibu ta' spalla kbira fit-twettiq tal-ħolm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġejjieni tal-Banda, u l-bqija tal-kumitat li qed jagħti daqqa t'id sewwa biex naraw dil-Banda tagħna titwieled mill-ġdid u tgawdi r-rispett u l-foħrija li jixirqilha fid-dinja bandistika ta' pajjiżna.

Il-festa t-tajba lil kull min joqgħod San Ġiljan.